

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 145/2019

tal-14 ta' Ġunju 2019

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2137]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1519 tad-9 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/150/UE dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju li jistipula ċerti derogi għall-kummerċjalizzazzjoni ta' popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-pjanti qamħ, xgħir, ħafur u qamħirrum skont id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet fitosanitarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet fitosanitarji ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied fil-punt 59 (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/150/UE) fil-Parti 2 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“, kif emendat minn:

- **32018 D 1519:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1519 tad-9 ta' Ottubru 2018 (ĠU L 256, 12.10.2018, p. 65).”

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1519 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(¹) ĠU L 256, 12.10.2018, p. 65.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2019.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN
